

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B****ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 92/29/KEE**

tal-31 ta' Marzu 1992

dwar ħtiġiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa għal trattament mediku mtejjeb abbord bastimenti

(ĠU L 113, 30.4.1992, p. 19)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u>	Ir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Settembru 2003	L 284	1	31.10.2003
► <u>M2</u>	Direttiva 2007/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Ġunju 2007	L 165	21	27.6.2007
► <u>M3</u>	Regolament (KE) Nru 1137/2008 tal-Parlament Ewropew U tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008	L 311	1	21.11.2008



ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 92/29/KEE

tal-31 ta' Marzu 1992

dwar ħtiġiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa għal trattament mediku mtejjeb abbord bastimenti

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 118a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾, stabbilita wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv dwar is-Saħħa, l-Iġjene u l-Protezzjoni tas-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol,

B'kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽³⁾,

Billi l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-programm tagħha li jikkonċerna s-sigurtà, l-iġjene, u saħħa fuq il-post tax-xogħol ⁽⁴⁾ tikkunsidra miżuri sabiex tiżgura trattament mediku fuq il-baħar;

Billi s-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema abbord bastiment, li jkun jikkostitwixxi post tax-xogħol li jinvolvi firxa kbira ta' riskji, waqt li żżomm f'moħħha, *inter alia*, l-iżolazzjoni ġeografika, fejn ikun xieraq, jeħtieġu attenzjoni speċjali;

Billi l-bastimenti għandhom ikollhom provvisti adegwati ta' mediċina, miżmumin f'kontrolli tajba u kkontrollati f'intervalli regolari, sabiex il-ħaddiema jkunu jistgħu jiksbu t-trattament mediku meħtieġ fuq il-baħar;

Billi, sabiex ikun żgurat trattament mediku xieraq fuq il-baħar, għandu jkun imħeġġeġ it-taħriġ tal-baħħara u t-tixrid ta' l-informazzjoni għall-baħħara fir-rigward ta' użu ta' provvisti ta' mediċina;

Billi l-użu ta' metodu ta' konsultazzjoni medika ta' distanza twila tikkostitwixxi mod effiċjenti ta' kontribuzzjoni għall-protezzjoni tas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, it-termini segwenti għandhom ikollhom it-tifsiriet li ġejjin:

(a) *bastiment*: kull bastiment li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru jew hu irregiŋtrat taħt ġurisdizzjoni plenarja ta' Stat Membru, tas-sajd tal-baħar jew dak estwarju, ta' propjetà privata jew pubblika, minbarra:

— bastimenti ta' navigazzjoni interna,

— bastimenti tal-gwerra,

⁽¹⁾ ĠU Ċ 183, ta' l-24. 7. 1990, p. 6 u

ĠU Ċ 74, ta' l-20. 3. 1991, p. 11.

⁽²⁾ ĠU Ċ 48, tal-25. 2. 1991, p. 154 u

ĠU Nru C 326, tas-16. 12. 1991, p. 72.

⁽³⁾ ĠU Ċ 332, tal-31. 12. 1990, p. 165.

⁽⁴⁾ ĠU Ċ 28, tat-3. 2. 1988, p. 3.

▼B

- dgħajjes tad-divertiment għal użu mhux kummerċjali li ma jkoll-homx ekwipaġġ professjonali,
 - vapuri ta' l-irmonk (*tugs*) li jaħdmu fil-portijiet.
- Bastimenti għandhom jiġu kklassifikati fi tliet kategoriji skond l-Anness I;
- (b) *ħaddiem*: kull persuna li tagħmel xogħol abbord bastiment, inklużi dawk li jkunu qeġħdin jitħarrġu jew apprentisti, iżda piloti tal-portijiet u persunal tax-xatt li jkunu qeġħdin jagħmlu xogħol abbord il-bastiment waqt li jkun sorġut max-xatt huma esklużi;
 - (ċ) *sid*: is-sid irreġistrat tal-bastiment sakemm il-bastiment ma jkun mikri jew immexxi, sew jekk parzjalment u sew jekk kollu kemm hu, minn persuna naturali jew legali għajr is-sid irreġistrat taħt it-termini ta' qbil amministrattiv; f'dak il-każ is-sid għandu jitqies bħala il-kerrej jew bħala il-persuna naturali jew legali li timmaniġġja l-bastiment kif xieraq;
 - (d) *provvisi ta' mediċina*: mediċini, tagħmir mediku u antidoti, li lista mhux eżawrjenti tagħhom hija mogħtija fl-Anness II;
 - (e) *antidotu*: sustanza użata sabiex tipprevieni jew għat-trattament ta' effetti jew effetti ħżiena, diretta jew indiretta, ta' sustanza waħda jew aktar inkluża fil-lista ta' sustanzi perikolużi fl-Anness III.

L-Artikolu 2

Mediċini u tagħmir mediku — Infermerija — Tabib

Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jiżgura li:

1. (a) kull bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu jew li jkun irreġistrat taħt il-ġurisdiżżjoni plenarja tiegħu dejjem iġorr abbord provvisti tal-mediċina li għallinqas jissodisfaw, fit-termini ta' kwalità, l-ispeċifikazzjonijiet ta' l-Anness II, it-Taqsimiet I u II għall-kategorija ta' bastiment li għaliha jkun jappartieni;
- (b) il-kwantitajiet ta' prodotti mediċinali u tagħmir mediku li għandhom jinġarru ikunu jiddependu fuq in-natura tal-vjaġġ — b'mod partikolari il-portijiet li jżur, id-destinazzjoni, it-tul — it-tip ta' xogħol li għandu jitwettaq jew it-tipi ta' xogħol li għandhom jitwettqutul il-vjaġġ, in-natura tal-merkanzija u n-numru ta' ħaddiema;
- (ċ) il-kontenut tal-mediċini u t-tagħmir mediku inkluż fil-provvisti tal-mediċina ikunu ddettaljati fuq lista ta' kontroll li għallinqas tkun tikkorrispondi għall-qafas ġenerali stabbilit fl-Artikolu IV, it-Taqsimiet A, B u Ċ II 1 u II 2;
2. (a) għall-kull ċattra jew dgħajsa ta' emerġenza, kull bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu jew irreġistrat taħt il-ġurisdiżżjoni plenarja tiegħu jgħorr kaxxa bil-mediċina, issiġillata b'mod li ma tixxarrabx li jkun fiha il-provvisti speċifikati fl-Anness II, it-Taqsimiet I u II, għall-bastimenti ta' kategorija Ċ;
- (b) il-kontenut ta' dawn il-kaxxi ikun iddettaljat ukoll fuq il-lista ta' kontroll imsemmija fil-paragrafu 1(ċ);
3. Kull bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu jew irreġistrat taħt il-ġurisdiżżjoni plenarja tiegħu, ta' aktar minn 500 tunnellata grossa rreġistrati, b'ekwipaġġ ta' ħmistax-il ħaddiem jew aktar u impenjat fi vjaġġ ta' tlett ijiem jew aktar, ikollu infermerija li fiha jkun jista' jingħata trattament mediku taħt kondizzjonijiet materjali u iġġeniċi sodisfaċenti;
4. Kull bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu jew irreġistrat taħt il-ġurisdiżżjoni plenarja tiegħu, b'ekwipaġġ ta' 100 ħaddiem jew iktar u impenjat fuq vjaġġ internazzjonali ta' tlett ijiem jew iktar, ikollu tabib responsabbli għall-kura medika tal-ħaddiema abbord.



L-Artikolu 3

Antidoti

Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jiżgura li:

1. kull bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu jew irreġistrat taħt il-ġurisdizzjoni plenarja tiegħu u li jgħorr xi waħda mis-sustanzi perikolużi fl-Anness III jgħorr abbord provvisti tal-mediċina li jinkludu għallinqas l-antidoti mniżżla fit-Taqsima III ta' l-Anness II;
2. fuq kull tip ta' bastiment ta' ġarr ta' passiġġierili jtajjar il-bandiera tiegħu jew irreġistrat taħt il-ġurisdizzjoni plenarja tiegħu, li l-kondizzjonijiet ta' ħidma tiegħu mhux dejjem jagħmluha possibbli li wieħed ikun jaf tajjeb bil-quddiem in-natura tas-sustanzi perikolużi li jkunu qegħdin jiġu trasportati, jkollu provvisti tal-mediċina li jkunu jinkludu għallinqas antidoti mniżżla fit-Taqsima III ta' l-Anness II.

Madanakollu, fejn b'mod regolari, il-vjaġġ għandu jieħu inqas minn sagħtejn, l-antidoti jistgħu ikunu llimitati għal dawk li għandhom jiġu amministrati f'każijiet ta' emerġenza estrema f'perjodu ta' żmien li ma jaqbiżx it-tul normali tal-vjaġġ;

3. il-kontenut tal-provvisti tal-mediċina, fir-rigward ta' antidoti, għandhom ikunu ddetalġati fuq lista ta' kontroll li tikkorrispondi għallinqas mal-kuntest ġenerali stabbilit fl-Anness IV, it-Taqsimiet A, B u Ċ, II 3.

L-Artikolu 4

L-Allokazzjoni tar-responsabbilitajiet

Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jiżgura li:

1. (a) il-forniment u l-mili mill-ġdid ta' provvisti tal-mediċina ta' kull bastiment li jtajjar il-bandiera jew hu irreġistrat taħt il-ġurisdizzjoni plenarja tiegħu isiru fuq ir-responsabbilità esklużiva tas-sid, mingħajr l-ebda ħlas mill-ħaddiema;
- (b) l-amministrazzjoni tal-provvisti tal-mediċina taqa' taħt ir-responsabbilità tal-kaptan tal-bastiment; huwa jista', mingħajr preġudizzju għar-responsabbilità tiegħu, jiddelega l-użu u l-manteniment tal-provvisti tal-mediċina lil ħaddiem wieħed jew iktar maħtura b'mod speċjali skond il-kompetenza tagħhom;
2. Il-provvisti tal-mediċina jinżammu f'kondizzjoni tajba u jergħu jiġu mimlija u/jew mibdula kull meta jkun possibbli, u f'kull każ bħala parti ta' prijorità fil-proċedura normali ta' forniment mill-ġdid;
3. F'każ ta' emerġenza stabbilita mill-kaptan, sakemm ikun possibbli wara li tkun miksuba opinjoni medika, il-mediċini, tagħmir mediku u antidoti meħtieġa li ma jkunux disponibbli abbord ikunu magħmula disponibbli mill-iktar fis possibbli.

L-Artikolu 5

Informazzjoni u taħriġ

Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jiżgura li:

1. il-provvisti tal-mediċina jkunu akkumpanjati b'manwal wieħed jew iktar għall-użu tagħhom, inklużi struzzjonijiet għall-użu ta' għallinqas l-antidoti meħtieġa fl-Anness II, it-Taqsima III;
2. il-persuni kollha li jingħataw taħriġ profesjonali marittimu u li jkollhom il-ħsieb li jaħdmu abbord vapur ikunu ġew mogħtija taħriġ bażiku f'miżuri tal-mediċina u ta' emerġenza li għandhom jittieħdu immedjatament f'każ ta' aċċident jew emerġenza medika serja;

▼B

3. il-kaptan u kull ħaddiem jew ħaddiema li lili (lilhom) huwa jkun iddelega l-użu ta' provvisti tal-mediċina skond l-Artkolu 4(1)(b) jkunu rcevev taħriġ speċjaliġġornat perjodikament, għallinqas kull ħames snin, waqt li jittieħdu inkonsiderazzjoni r-riskji speċifiċi u l-bżonnijiet marbuta mal-kategoriji differenti tal-bastiment u skond il-linji ta' gwida maħruġa fl-Anness V.

*L-Artikolu 6***Konsultazzjonijiet tal-mediċina bir-radju**

1. Sabiex ikun żgurat trattament ta' emerġenza għall-ħaddiema, kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jiżgura li:
- (a) jkun innominat ċentru wieħed jew aktar sabiex jipprovdu parir mediku bir-radju lill-ħaddiema;
- (b) uħud mit-tobba li jagħtu s-servizzi tagħhom għaċ-ċentri ta' konsultazzjoni bir-radju ikunu ġew imħarrġa f'kondizzjonijiet speċjali li jipprevalu abbord il-vapur.
2. Sabiex itejbu l-parirmogħti, iċ-ċentri ta' konsultazzjoni bir-radju għandhom iżommu *records* tal-mediċina, bil-qbil tal-ħaddiema kkonċernati.

Records bħal dawn għandhom jinżammu konfidenzjali.

*L-Artikolu 7***L-Ispezzjoni**

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jiżgura li persuna kompetenti jew l-awtorità kompetenti twettaq spezzjoni annwali sabiex tikkontrolla li fuq kull bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu:
- il-provvisti tal-mediċina jissodisfaw il-ħtiġiet minimi ta' din id-Direttiva;
 - il-lista ta' kontroll li għaliha hemm provdut fl-Artikolu 2(1) (ċ) tikkonferma li l-provvisti tal-mediċina jaqblu ma' dawk il-ħtiġiet minimi;
 - il-provvisti tal-mediċina huma miżmumab'mod korrett;
 - kull data ta' skadenza ta'mediċina tkun ġiet irrispettata.
2. Spezzjonijiet fuq provvisti tal-mediċina miżmuma fuq ċattri ta' emerġenza għandhom isiru matul il-perjodu ta' manutenzjoni annwali taċ-ċattri ta' emerġenza.
- Dawk l-ispezzjonijiet jistgħu jiġu eċċezzjonalment posposti sa mhux aktar minn ħames xhur.

▼M3*L-Artikolu 8***Proċedura ta' Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn kumitat sabiex tagħmel l-adattamenti purament tekniċi ta' l-Annessi ta' din id-Direttiva, fid-dawl tal-progress tekniku jew ta' bidliet f'regolamenti jew speċifikazzjonijiet internazzjonali u ta' skoperti ġodda fil-qasam.

Dawk il-miżuri, imfassla sabiex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fil-paragrafu 2. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza, il-Kummissjoni tista' tirrikorri għall-proċedura ta' urġenza msemmija fil-paragrafu 3.

▼M3

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a, minn (1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a (1), (2), (4) u (6), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

▼B*L-Artikolu 9***Id-Dispożizzjonijiet finali**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sal-31 ta' Diċembru 1994. Għandhom jinfurmaw mill-ewwel lill-Kummissjoni b'dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, miżuri bħal dawn għandhom ikun fihom riferenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikun akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif isiru referenzi bħal dawn għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni it-testi tad-dispożizzjonijiet ta' liġi nazzjonali li huma jkunu diġà adottaw jew liema jadottaw fil-qasam irregolat b'din id-Direttiva.

▼M2*L-Artikolu 9a***Rapport ta' implimentazzjoni:**

Kull ħames snin, l-Istati Membri għandhom jissottomettu rapport lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni Prattika ta' din id-Direttiva fil-forma ta' kapitolu speċifiku tar-rapport uniku msemmi fl-Artikolu 17 a(1), (2) u (3), tad-Direttiva 89/391/KEE li jservi ta' bażi għall-valutazzjoni li trid issir mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 17a (4) ta' dik id-Direttiva.

▼B*L-Artikolu 10*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

*L-ANNESS I***KATEGORIJI TA' BASTIMENTI**

(L-Artikolu 1(a))

- A. Bastimenti tal-baħar jew tas-sajd tal-baħar, mingħajr limitazzjoni fuq it-tul tal-vjaġġi.
- B. Bastimenti tal-baħar jew tas-sajd li jaġhmlu vjaġġi ta' inqas minn 150 mil nawtiku mill-eqreb port b'taġħmir mediku adegwat ⁽¹⁾.
- Ċ. Bastimenti, dgħajjes u bċejjeċ tal-baħar ta' ġewwa l-port li jibqgħu qrib ix-xatt jew mingħajr akkomodazzjoni f'kabina għajr fejn hemm it-tmun.

⁽¹⁾ Il-Kategorija B għandha tiġi estiża għall-bastimenti tat-tbaħħir jew tas-sajd li jaġhmlu vjaġġi ta' anqas min 175 mil nawtiku mill-eqreb port b'taġħmir mediku adegwat u li jibqgħu kontinwament fil-medda li fiha jaħdmu l-elikotteri tas-salvataġġ. Għall-dan l-iskop, kull Stat Membru għandu jgħaddi informazzjoni aġġornata dwar iż-żoni li fihom jiġu pprovduti servizzi ta' salvataġġ bl-elikotteri, u fiċ-ċirkostanzi li fihom jaħdmu:

(a) lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni; u

(b) lill-kaptani ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu jew li huma irregisatrati taħt il-ġuridizzjoni plenarja tiegħu li huma, jew probabbli li jkunu, kkonċernati mill-applikazzjoni ta' l-ewwel subparagrafu ta' din in-nota tal-qiegħ; l-informazzjoni għandha tingħadda bl-iktar mod xieraq, per eżempju minn ċentri ta' konsultazzjoni bir-radju, ċentri ta' koordinazzjoni għas-salvataġġ jew stazzjonijiet tar-radju mal-kosta.



L-ANNESS II

PROVVISTI TAL-MEDIĊINA (LISTA MHUX EŻAWRJENTI)

(L-Artikolu 1(d))

I. MEDIĊINI

Kategoriji ta' bastimenti

	A	B	Ċ
1. Kardjovaskolari			
(a) Analettiċi Kardjo – ċirkolatorji — <i>Sympathomimetics</i>	×	×	
(b) Preparazzjonijiet kontra l-aŋgina	×	×	×
(ċ) Dijurettiċi	×	×	
(d) Anti-emorrarġiċi inklużi uterotoniċi meta jkun hemm nisa abbord	×	×	×
(e) Anti-ipertensjoni	×		
2. Sistema gastro-intestinali			
(a) Mediċini għal diżordnijiet gastiċi u duwodenali — Riċettaturi <i>Histamine H₂</i> antagonisti anti-ulċeri — Taħlit kontra aċidu mukuż	×	×	
(b) Kontra l-vomtu	×	×	×
(ċ) Lassativi lubrikanti	×		
(d) Kontra d-dijarea	×	×	×
(e) Antisettiċi intestinali	×	×	
(f) Preparazzjonijiet għall-emerrojdi	×	×	
3. Analġessiċi u anti-spasmodiċi			
(a) Analġessiċi, <i>anti-pyretics</i> u preparazzjonijiet kontra l-infjam-mazjoni	×	×	×
(b) Analġessiċi qawwija	×	×	
(ċ) Spasmolitiċi	×	×	
4. Sistema nervuża			
(a) Ansjolitiċi	×	×	
(b) Nevralettiċi	×	×	
(ċ) Rimedji kontra l-mard tal-baħar	×	×	×
(d) Anti-epilettiċi	×		
5. Kontra l-allerġija u <i>anti-anaphylactics</i>			
(a) <i>H₁Anti-histaminics</i>	×	×	
(b) <i>Glucocorticoids</i> li jittieħdu bis-siringa	×	×	
6. Sistema respiratorja			
(a) Taħlit għall-bronkospasmu	×	×	
(b) Anti-tussivi	×	×	
(ċ) Mediċini użati għall-irjehat jew sinusite	×	×	
7. Kontra l-infezzjonijiet			
(a) Antibijotiċi (għallinqas żewġ familji)	×	×	
(b) Sulfamid u għal kontra l-batterji	×	×	
(ċ) Antisettiċi urinarji	×		
(d) Kontra l-parassiti	×	×	
(e) Kontra infezzjonijiet intestinali	×	×	
(f) Tlaqqim kontra t-tetnu u immunoglobulini	×	×	
8. Taħlitiet li jgħinu r-ri-idratazzjoni, t-teħid ta' kaloriji u l-espansjoni tal-plasma	×	×	
9. Mediċini għal użu estern			
(a) <i>Mediċini tal-ġilda</i>			
— Soluzzjonijiet antisettiċi	×	×	×
— Ingwenti antibijotiċi	×	×	
— Ingwenti kontra infjammazzjonijiet u analġessiċi	×	×	
— Kremi tal-ġilda anti-mikotiċi	×		
— Preparazzjonijiet għal kontra l-ħruq	×	×	×



II. TAGĦMIR MEDIKU

Kategoriji ta' bastimenti

	A	B	Ċ
1. Tagħmir ta' risuxxittazzjoni			
— Strument ta' risuxxittazzjoni manwali	×	×	
— Strument għall-amministrazzjoni ta' ossiġnu b'valv li jnaqqas il-pessjoni sabiex l-ossiġnu industrijali tal-vapur ikun jista' jiġi użat, jew kontenitur ta' l-ossiġnu	×	× ⁽¹⁾	
— Aspiratorju mekkanizzat biex jiġu miftuħa passaġġi respiratorji ta' fuq	×	×	
— Pajp użat għar-risuxxittazzjoni minn ħalq għal ħalq	×	×	×
2. Tagħmir tal-medikatura u tas-sutura			
— Stejpler tas-sutura li tintuża darba jew <i>kit</i> tas-sutura bil-labar	×	×	
— Faxex elastiċi adesivi	×	×	×
— Strippi tal-garża	×		
— Garża f'forma ta' tubu għall-faxex tas-swaba	×		
— Kompessi ta' garża sterilizzata	×	×	×
— Tajjar	×	×	
— Liżar sterilizzat għall-vittmi ta' ħruq	×	×	
— Faxxa trijangulari (<i>slings</i>)	×	×	
— Ingwanti tal-polietelin li jintużaw darba	×	×	×
— Faxex adesivi	×	×	×
— Faxex ta' kompressjoni sterilizzati	×	×	×
— Suturi adesivi jew faxex ta' ossidu taż-żingu	×	×	×
— Suturi mhux assorbenti bil-labar	×		
— Garża bil-vażelina	×	×	
3. Strumenti			
— Lanzetti li jintużaw darba	×		
— Kaxxa ta' l-istrumenti ta' l- <i>in-stainless-steel</i>	×	×	
— Imqass	×	×	
— Pinzetti tat-tiflil	×	×	
— Pinzetti <i>Haemostatic</i>	×	×	
— Pinzetti tal-labar	×		
— Xfatar li jintużaw darba	×		
4. Apparat ta' eżaminazzjoni u moniteraġġ			
— Depressuri ta' l-ilsien li jintużaw darba	×	×	
— Strixxi rejattivi għall-analiżi ta' l-urina	×		
— Tabelli tat-temperatura	×		
— Lożor għal evakwazzjoni medika	×	×	
— Stetoskopju	×	×	
— Spigmomanometru anerojdu	×	×	
— Termometru mediku <i>standard</i>	×	×	
— Termometru ipotermiku	×	×	
5. Tagħmir għall-injezzjoni, tifrigħ, titqib u kateterizzazzjoni			
— Strumenti għad-drenaġġ intern	×		
— Sett tad-drip tar-rektum	×		
— Filtru ta' infużjoni li jintuża darba	×		
— Borża għal drenaġġ urinali	×		
— Siringi u labar li jintużaw darba	×	×	
— Kateter	×		
6. Tagħmir mediku ġenerali			
— Tapsina	×		
— Flixkun ta' l-ilma sħun	×		
— Flixkun ta' l-urina	×		
— Borża tas-silġ	×		

▼B**7. Tagħmir ta' immobilizzar u stabilizzazzjoni**

- Qassaba malleabbli tas-swaba
- Qassaba malleabbli għad-driegħ jew għall-id
- Qassaba li tintefaħ
- Qassaba għall-koxxa
- Kullar għall-immobilizzazzjoni ta' l-għonq
- Qassaba *Thomas* jew saqqu bit-toqob żgħar

8. Diżinfettazzjoni, dizinsettazzjoni u profilassi

- Taħlita ta' diżinfettazzjoni ta' l-ilma
- Insettiċida likwidu
- Trab insettiċida

A	B	Ċ
×	×	
×	×	
×	×	
×	×	
×	×	
×		
×		
×		

(1) Taħt il-kondizzjonijiet ta' l-użu preskritti mil-liġijiet u/jew prattiki nazzjonali.

III. ANTIDOTI**1. Mediċini**

- Ġenerali
- Kardjovaskolari
- Sistema gastro-intestinali
- Sistema nervuża
- Sistema respiratorja
- Anti-infettiva
- Għal użu estern

2. Tagħmir mediku

- Neċessarju għall-amministrazzjoni ta' l-ossiġenu (li jinkludi rekwisiti tal-manutenzjoni)

Nota

Għall-implimentazzjoni ddettaljata tat-Taqsima III, l-Istati Membri jistgħu jirreferu għall-Gwida Medika għall-Ewwel Għajna ta' l-IMO għall-użu faċċidenti li jinvolvu oġġetti perikolużi (MFAG) li tinsab fl-edizzjoni kkon-solidata ta' l-1990 tal-Kodiċi Internazzjonali Marittimi ta' Oġġetti Perikolużi ta' l-IMO.

Kull adattament tat-Taqsima III fl-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 8 jista' jagħti każ, *inter alia*, ta' kull aġġornament tal-MFAG.

*L-ANNESS III***SUSTANZI PERIKOLUŻI****(L-Artikolu 1(e) u l-Artikolu 3(1))**

Is-sustanzi elenkati f'dan l-Anness għandhom jiġu meqjusa f'kull mod li jiġu ttrasportati abbord, inkluż f'forma ta' skart jew residwi ta' merkanzija.

- Sustanzi u oġġetti splussivi,
- Gassijiet: kompressati, likwidifikati jew maħlula taħt pressjoni,
- Likwidi infjammabbli,
- Solidi infjammabbli,
- Sustanzi li jistgħu joħolqu kombustjoni spontanja,
- Sustanzi li, f'kuntatt ma' l-ilma, joħolqu gassijiet infjammabbli,
- Sustanzi kombustibbli,
- Perossidiorganiċi,
- Sustanzi tossiċi,
- Sustanzi infettivi,
- Sustanzi radjoattivi,
- Sustanzi korrużivi,
- Sustanzi varji perikolużi, i.e. kull sustanza oħra li l-esperjenza uriet, jew tista' turi, li hija perikoluża, b'tali mod li d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 3 jeħtieġu li jiġu applikati.

Nota

Għall-implimentazzjoni ddettaljata ta' dan l-Anness, l-Istati Membri jistgħu jirreferu għall-edizzjoni kkonsolidata ta' l-1990 tal-Kodiċi Internazzjonali ta' Oġġetti Marittimi Perikolużi ta' l-IMO.

Kull adattament ta' dan l-Anness fl-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 8 jista' jagħti każ, *inter alia*, ta' kull aġġornament tal-Kodiċi Internazzjonali ta' Oġġetti Marittimi Perikolużi ta' l-IMO.



L-ANNESS IV

**STRUTTURA ĠENERALI GĦALL-ISPEZZJONI TAL-PROVVISTI TAL-MEDIĊINA
TAL-BASTIMENTI**

(L-Artikolu 2(1)(ċ), l-Artikolu 3(3))

IT-TAQSIMA A. BASTIMENTI TA' KATEGORIJA A

I. Dettalji tal-bastimenti

Isem: ...

Bandiera: ...

Port fejn il-bastiment ikun stazzjonat: ...

II. Provvisti tal-mediċina

	Kwanti- tajiet meħtie- ġa	Kwanti- tajiet fil-fatt imgarra abbord	Rimarki (b'mod partiko- lari, kull data ta' skaden- za)
1. MEDIĊINA			
1.1. Kardjovaskolari			
(a) Analettiċi kardjo-ċirkulatorji — <i>Sympathomimetics</i>	0	0	0
(b) Preparazzjonijiet kontra l-aŋġina	0	0	0
(ċ) Djuretiki	0	0	0
(d) Anti-emorrarġiċi inklużi uterotoniċi jekk ikun hemm nisa abbord	0	0	0
(e) Kontra l-ipertensjoni	0	0	0
1.2. Sistema gastro-intestinali			
(a) Mediċini għal disordnijiet gastiċi u duwodenali — Riċettaturi <i>Histamine H₂</i> antagonisti anti-ulċeri	0	0	0
— Duwa kontra aċidu mukuż	0	0	0
(b) Kontra l-vomtu	0	0	0
(ċ) Lassattivi lubrikanti	0	0	0
(d) Kontra d-dijarea	0	0	0
(e) Antisettiċi intestinali	0	0	0
(f) Preparazzjonijiet għall-emorrojdi	0	0	0
1.3. Analġessiċi u anti-spasmodiċi			
(a) Analġessiċi, <i>anti-pyretics</i> u preparazzjonijiet kontra l-infjammazzjoni	0	0	0
(b) Analġessiċi qawwija	0	0	0
(ċ) Spasmolitiċi	0	0	0
1.4. Sistema nervuża			
(a) Ansjolitiċi	0	0	0
(b) Nevralettiċi	0	0	0
(ċ) Rimedji kontra l-mard tal-baħar	0	0	0
(d) Anti-epilettiċi	0	0	0
1.5. Kontra l-allerġiji u anti-anaphylactics			
(a) H ₁ <i>Anti-histaminics</i>	0	0	0
(b) <i>Glucocorticoids</i> li jittieħdu bis-siringa	0	0	0
1.6. Sistema respiratorja			
(a) Preparazzjonijiet għal bronkospasmu	0	0	0
(b) Anti-tussivi	0	0	0
(ċ) Mediċini użati għall-irjieħat jew għal sinusite	0	0	0
1.7. Kontra l-infezzjonijiet			
(a) Antibijotiċi (għallinqas żewġ familji)	0	0	0
(b) Sulfamidu għal kontra l-batterji	0	0	0



	Kwanti- tajiet meħtie- ga	Kwanti- tajiet fil-fatt imgarra abbord	Rimarki (b'mod partiko- lari, kull data ta' skaden- za)
(c) Antisettiċi urinarji	0	0	0
(d) Kontra l-parassiti	0	0	0
(e) Kontra infezzjonijiet intestinali	0	0	0
(f) Tlaqqim kontra t-tetnu u immunoglobuli	0	0	0
1.8. Taħlit li jgħinu r-ri-idratazzjoni, teħid ta' kaloriji u espansjoni tal-plasma	0	0	0
1.9. Medicieni għal użu estern			
(a) <i>Mediċini tal-ġilda</i>			
— Soluzzjonijiet antisettiċi	0	0	0
— Ingwenti antibijotiċi	0	0	0
— Ingwenti kontra infjammazzjonijiet u analġessici	0	0	0
— Kremi tal-ġilda anti-mikotiċi	0	0	0
— Preparazzjonijiet għal kontra l-ħruq	0	0	0
(b) <i>Mediċini ta' l-għajnejn</i>			
— Qtar antibijotiċi	0	0	0
— Qtar antibijotiċi u kontra l-infjammazzjoni	0	0	0
— Qtar anestetiċi	0	0	0
— Qtar ipotoniku mijotiku	0	0	0
(c) <i>Mediċini tal-widnejn</i>			
— Soluzzjonijiet antibijotiċi	0	0	0
— Soluzzjonijiet anestetiċi u kontra l-infjammazzjoni	0	0	0
(d) <i>Mediċini għal infezzjonijiet tal-ħalq u tal-grizmejn</i>			
— Ħasil tal-ħalq antibijotiku u antisettiku	0	0	0
(e) <i>Anestetiċi lokali</i>			
— Anestetiċi lokali bl-użu tal-friża	0	0	0
— Anestetiċi lokali mogħtija permezz ta' injezzjoni fix-xaħam ta' taħt il-ġilda	0	0	0
— Anestetiċi dentali u taħlit antisettiku	0	0	0
2. TAGĦMIR MEDIKU			
2.1. Tagħmir tar-risuxxittazzjoni			
— Apparat manwali ta' risuxxittazzjoni	0	0	0
— Strument għall-amministrazzjoni ta' ossiġnu b'valv li jnaqqas il-pressjoni sabiex l-ossiġnu industrijali tal-vapur ikun jista' jiġi użat, jew kontenitur ta' l-ossiġnu	0	0	0
— Aspiratorju mekkaniku sabiex jiftaħ il-passaġġi respiratorji ta' fuq	0	0	0
— Pajp użat għar-risuxxittazzjoni minn ħalq għal ħalq	0	0	0
2.2. Tagħmir tal-medikatura u ta' sutura			
— Stejpler tas-sutura li tintuża darba jew <i>kit</i> tas-sutura bil-labar	0	0	0
— Faxex elastiċi adesivi	0	0	0
— Strippi tal-garża	0	0	0
— Garża f'forma ta' tubu għal faxex tas-swaba	0	0	0
— Komplessi ta' garża sterilizzata	0	0	0
— Tajjar	0	0	0
— Liżar sterilizzat għall-vittmi ta' ħruq	0	0	0
— Faxxa trijangulari (<i>sling</i>)	0	0	0
— Ingwanti tal-polietelin li jintużaw darba	0	0	0
— Faxex adesivi	0	0	0



	Kwanti- tajjet meħtie- ga	Kwanti- tajjet fil-fatt imgarra abbord	Rimarki (b'mod partiko- lari, kull data ta' skaden- za)
— Faxex ta' kompressjoni sterilizzati	0	0	0
— Suturi adesivi jew faxex ta' ossidu taż-żingu	0	0	0
— Suturi mhux assorbenti bil-labar	0	0	0
— Garża bil-vażelina	0	0	0
2.3. Strumenti			
— Lanzetti li jintużaw darba	0	0	0
— Kaxxa ta' l-istrumenti ta' l- <i>in stainless steel</i>	0	0	0
— Imqass	0	0	0
— Pinzetti tat-tiflil	0	0	0
— Pinzetti <i>haemostatic</i>	0	0	0
— Pinzetti tal-labar	0	0	0
— Xfafar li jintużaw darba	0	0	0
2.4. Apparat ta' eżaminazzjoni u moniteragg			
— Depressuri ta' l-ilsien li jintużaw darba	0	0	0
— Strixxi reattivi għall-analżi ta' l-urina	0	0	0
— Tabelli tat-temperatura	0	0	0
— Lożor ta' l-evakwazzjoni medikali	0	0	0
— Stetoskopju	0	0	0
— Sfigmomanometru anerojdu	0	0	0
— Termometru mediku <i>standard</i>	0	0	0
— Termometru ipotermiku	0	0	0
2.5. Apparat għall-injezzjoni, tifrigħ, titqib u kateterizzazzjoni			
— Strumenti għad-drenaġġ intern	0	0	0
— Sett tad- <i>drip</i> tar-rektum	0	0	0
— Filtru ta' infużjoni li jintuża darba	0	0	0
— Borża għal drenaġġ urinali	0	0	0
— Siringi u labar li jintużaw darba	0	0	0
— Kateter	0	0	0
2.6. Tagħmir mediku ġenerali			
— Tapsina	0	0	0
— Flixxun ta' l-ilma sħun	0	0	0
— Flixxun ta' l-urina	0	0	0
— Borża tas-silġ	0	0	0
2.7. Tagħmir ta' immobilizzazzjoni u ta' stabilizzazzjoni			
— Qassaba malleabbli tas-swaba	0	0	0
— Qassaba malleabbli tad-driegħ jew ta' l-id	0	0	0
— Qassaba li tintefaħ	0	0	0
— Qassaba għall-koxxa	0	0	0
— Kullar għall-immobilizzazzjoni ta' l-għonq	0	0	0
— Qassaba <i>Thomas</i> jew saqqu bit-toqob żgħar	0	0	0
2.8. Diżinfettazzjoni, diżinsettazzjoni u profilassi			
— Taħlita ta' diżinfettazzjoni ta' l-ilma	0	0	0
— Insettiċida likwidu	0	0	0
— Trab insettiċida	0	0	0
3. ANTIDOTI			
3.1. Ġenerali	0	0	0
3.2. Kardjo-vaskolari	0	0	0
3.3. Sistema gastro-intestinali	0	0	0

▼B

	Kwanti- tajjet meħtie- ġa	Kwanti- tajjet fil-fatt imgarra abbord	Rimarki (b'mod partiko- lari, kull data ta' skaden- za)
3.4. Sistema nervuża	0	0	0
3.5. Sistema respiratorja	0	0	0
3.6. Anti-infettiva	0	0	0
3.7. Għal użu estern	0	0	0
3.8. Oħrajn	0	0	0
3.9. Meħtieġa għall-amministrazzjoni ta' l-ossiġenu	0	0	0

Post u data: ...

Firma tal-kaptan: ...

Approvazzjoni tal-persuna jew ta' l-awtorità kompetenti: ...



IT-TAQSIMA B. BASTIMENTI TA' KATEGORIJA B

I. Dettalji tal-bastiment

Isem: ...

Bandiera: ...

Port fejn il-bastiment ikun stazzjonat: ...

II. Provvisti tal-mediċina

	Kwanti- tajiet meħtie- ga	Kwanti- tajiet fil-fatt imgarra abbord	Rimarki (b'mod partiko- lari, kull data ta' skaden- za)
1. MEDIĊINA			
1.1. Kardjovaskolari			
(a) Analettiċi kardjo – ċirkulatorji — Sympathomimetics	0	0	0
(b) Preparazzjonijiet kontra l-aŋġina	0	0	0
(ċ) Dijurettiċi	0	0	0
(d) Anti-emorrhagiċi inklużi uterotoniċi jekk ikun hemm nisa abbord	0	0	0
1.2. Sistema gastro-intestinali			
(a) Mediciċni għal disordnijiet gastrici u duwodenali — Taħlit kontra aċidu <i>mukuż</i>	0	0	0
(b) Kontra l-vomtu	0	0	0
(ċ) Kontra d-dijarea	0	0	0
(d) Antisettiċi intestinali	0	0	0
(e) Preparazzjonijiet għall-emerroġdi	0	0	0
1.3. Analġessiċi u anti-spasmodiċi			
(a) Analġessiċi, <i>anti-pyretics</i> u preparazzjonijiet kontra l-infjam-mazzjoni	0	0	0
(b) Analġessiċi qawwiġa	0	0	0
(ċ) Spasmolitiċi	0	0	0
1.4. Sistema nervuża			
(a) Ansjolitiċi	0	0	0
(b) Nevralettiċi	0	0	0
(ċ) Rimedji kontra l-mard tal-baħar	0	0	0
1.5. Kontra l-allerġija u anti-anaphylactics			
(a) H ₁ Anti-histaminics	0	0	0
(b) Glucocorticoids li jittieħdu bis-siringa	0	0	0
1.6. Sistema respiratorja			
(a) Preparazzjonijiet għal bronkospasmu	0	0	0
(b) Anti-tussivi	0	0	0
(ċ) Mediciċni użati għall-irjehat jew għal sinusite	0	0	0
1.7. Kontra l-infezzjonijiet			
(a) Antibijotiċi (għallinqas żewġ familji)	0	0	0
(b) Sulfamidu għal kontra l-batterji	0	0	0
(ċ) Kontra l-parassiti	0	0	0
(d) Kontra infezzjonijiet intestinali	0	0	0
(e) Tlaqqim kontra t-tetnu u immunoglobuli	0	0	0
1.8. Taħlit li jgħinu r-ri-idratazzjoni, teħid ta' kaloriji u espansjoni tal-plasma			
1.9. Mediciċni għal użu estern			
(a) <i>Mediciċni tal-ġilda</i> — Soluzzjonijiet antisettiċi	0	0	0
— Ingwenti antibijotiċi	0	0	0

▼B

	Kwanti- tajiet meħtie- ġa	Kwanti- tajiet fil-fatt imġarra abbord	Rimarki (b'mod partiko- lari, kull data ta' skaden- za)
— Ingwenti kontra infjammazzjonijiet u analġessiċi	0	0	0
— Preparazzjonijiet għal kontra l-ħruq	0	0	0
(b) <i>Mediċini ta' l-għajnejn</i>			
— Qtar antibijotiċi	0	0	0
— Qtar antibijotiċi u kontra l-infjammazzjoni	0	0	0
— Qtar anestetiċi	0	0	0
— Qtar ipotoniku mijotiku	0	0	0
(ċ) <i>Mediċini tal-widnejn</i>			
— Soluzzjonijiet antibijotiċi	0	0	0
— Soluzzjonijiet anestetiċi u kontra l-infjammazzjoni	0	0	0
(d) <i>Mediċini għal infjezzjonijiet tal-ħalq u tal-grizmejn</i>			
— Ħasil tal-ħalq antibijotiċi u antisettiku	0	0	0
(e) <i>Anestetiċi lokali</i>			
— Anestetiċi lokali mogħtija permezz ta' injezzjoni fix-xaħam ta' taħt il-ġilda	0	0	0
— Anestetiċi dentali u taħlit antisettiku	0	0	0
2. TAGĦMIR MEDIKU			
2.1. Tagħmir ta' risuxxittazzjoni			
— Apparat manwali ta' risuxxittazzjoni	0	0	0
— Strument għall-amministrazzjoni ta' ossiġnu b'valv li jnaqqas il-pressjoni sabiex l-ossiġnu industrijali tal-vapur jkun jista' jiġi użat, jew kontenitur ta' l-ossiġnu.	0	0	0
— Aspiratorju mekkaniku sabiex jiftaħ il-passaġġi respiratorji ta' fuq	0	0	0
— Pajp użat għar-risuxxittazzjoni minn ħalq għal ħalq	0	0	0
2.2. Tagħmir tal-medikatura u ta' sutura			
— Stejpler tas-sutura li tintuża darba jew <i>kit</i> tas-sutura bil-labar	0	0	0
— Faxex elastiċi adesivi	0	0	0
— Kompresi ta' garża sterilizzata	0	0	0
— Tajjar	0	0	0
— Liżar sterilizzati għall-vittmi ta' ħruq	0	0	0
— Faxxa trijangulari (<i>sling</i>)	0	0	0
— Ingwanti tal-polietelin li jintużaw darba	0	0	0
— Faxex adesivi	0	0	0
— Faxex ta' kompressjoni sterilizzati	0	0	0
— Suturi adesivi jew faxex ta' ossidu taż-żingu	0	0	0
— Garża bil-vażelina	0	0	0
2.3. Strumenti			
— Kaxxa ta' l-istrumenti ta' l- <i>in-stainless steel</i>	0	0	0
— Imqass	0	0	0
— Pinzetti tat-tiflil	0	0	0
— Pinzetti <i>haemostatic</i>	0	0	0
2.4. Apparat ta' eżaminazzjoni u moniteraġġ			
— Depressuri ta' l-ilsien li jintużaw darba	0	0	0
— Lożor ta' l-evakwazzjoni medikali	0	0	0
— Stetoskopju	0	0	0
— Sfigmomanometru anerojdu	0	0	0

▼B

	Kwanti- tajjet meħtie- ġa	Kwanti- tajjet fil-fatt imġarra abbord	Rimarki (b'mod partiko- lari, kull data ta' skaden- za)
— Termometru mediku <i>standard</i>	0	0	0
— Termometru ipotermiku	0	0	0
2.5. Apparat għall-injezzjoni, tifrigħ, titqib u kateterizzazzjoni			
— Siringi u labar li jintużaw darba	0	0	0
2.6. Tagħmir ta' immobilizzazzjoni u ta' stabilizzazzjoni			
— Qassaba malleabbli tas-swaba	0	0	0
— Qassaba malleabbli tad-driegħ jew ta' l-id	0	0	0
— Qassaba li tintefaħ	0	0	0
— Qassaba għall-koxxa	0	0	0
— Kullar għall-immobilizzazzjoni ta' l-għonq	0	0	0
3. ANTIDOTI			
3.1. Ġenerali	0	0	0
3.2. Kardjo – vaskolari	0	0	0
3.3. Sistema gastro – intestinali	0	0	0
3.4. Sistema nervuża	0	0	0
3.5. Sistema respiratorja	0	0	0
3.6. Anti-infettiva	0	0	0
3.7. Għal użu estern	0	0	0
3.8. Oħrajn	0	0	0
3.9. Meħtieġa għall-amministrazzjoni ta' l-ossiġenu	0	0	0

Post u data: ...

Firma tal-Kaptan: ...

Awtorizzazzjoni mill-persuna jew mill-awtorità kompetenti: ...



IT-TAQSIMA Ċ. BASTIMENTI TA' KATEGORIJA Ċ

I. **Detalji tal-bastiment**

Isem: ...

Bandiera: ...

Port fejn il-bastiment ikun stazzjonat: ...

II. **Provvisti tal-mediċina**

	Kwanti- tajiet meħtie- ġa	Kwanti- tajiet fil-fatt imgarra abbord	Rimarki (b'mod partiko- lari, kull data ta' skaden- za)
1. MEDIĊINA			
1.1. Kardjovaskolari			
(a) Preparazzjonijiet kontra l-aŋġina	0	0	0
(b) Anti-emorrarġiċi inklużi uterotonici jekk ikun hemm nisa abbord	0	0	0
1.2. Sistema gastro-intestinali			
(a) kontra l-vomtu	0	0	0
(b) kontra d-dijarea	0	0	0
1.3. Analġessiċi u anti-spasmodiċi			
— Analġessiċi, <i>anti-pyretics</i> u preparazzjonijiet kontra l-infjammazzjoni	0	0	0
1.4. Sistema nervuża			
— Rimedji għal kontra l-mard tal-baħar	0	0	0
1.5. Mediċini għal użu estern			
— Mediċini tal-ġilda	0	0	0
— Soluzzjonijiet antisettiċi	0	0	0
— Preparazzjonijiet għal kontra l-ħruq	0	0	0
2. TAGĦMIR MEDIKU			
2.1. Tagħmir ta' risuxxittazzjoni			
— Pajp użat għar-risuxxittazzjoni minn ħalq għal ħalq	0	0	0
2.2. Tagħmir ta' medikatura u ta' sutura			
— Faxex elastiċi adesivi	0	0	0
— Kompressti ta' garża sterilizzata	0	0	0
— Ingwanti tal-polietelin li jintużaw darba	0	0	0
— Medikaturi adesivi	0	0	0
— Faxex ta' kompressjoni sterilizzati	0	0	0
— Suturi adesivi jew faxes ta' ossidu taż-żingu	0	0	0
3. ANTIDOTI			
3.1. Ġenerali	0	0	0
3.2. Kardjo-vaskolari	0	0	0
3.3. Sistema gastro-intestinali	0	0	0
3.4. Sistema nervuża	0	0	0
3.5. Sistema respiratorja	0	0	0
3.6. Anti-infettiva	0	0	0
3.7. Għal użu estern	0	0	0
3.8. Oħrajn	0	0	0
3.9. Meħtieġa għall-amministrazzjoni ta' l-ossiġenu	0	0	0

Post u data: ...

Firma tal-kaptan: ...

Awtorizzazzjoni tal-persuna jew ta' l-awtorità kompetenti: ...



L-ANNESS V

TAĦRIĠ MEDIKU TAL-KAPTAN U TAL-ĦADDIEMA MAĦTURA

(L-Artikolu 5(3))

- I.
 1. Fehim bażiku tal-fisjoloġija, simptomatoloġija u terapewtiċi.
 2. Elementi ta' mediċina ta' prevenzjoni, prinċipalment ta' iġjene individwali u kollettiva, u elementi ta' miżuri profilattiċi possibbli.
 3. Abilità ta' twettiq ta' tipi bażiċi ta' trattament u sorveljanza ta' żbark ta' emerġenza fil-baħar.

Il-persuna responsabbli għat-trattament abbord bastimenti ta' kategorija A għandha jekk ikun possibbli tirċievi taħriġ prattiku fi sptarijiet.
 4. Tagħrif iddettaljat ta' kif jintużaw il-faċilitajiet varji ta' konsultazzjoni medika remota.
- II. Dan it-taħriġ għandu jagħti każ tal-programmi ta' struzzjonijiet iddettaljati f'dokumenti internazzjonali rilevanti riċenti.